MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1192/2010

**GO p.l.c. (C22334)**

***kontra***

**Jennings Bet (Malta) Ltd. (C42812)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fis-17 ta` Novembru 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` attrici, allura operanti taht l-isem Maltacom p.l.c., u dik konvenuta dahlu f`relazzjoni kuntrattwali ghall-provvista ta` servizzi ta` Internet Connectivity Services u ghall-provvista ta` Customer Co-location u servizzi teknici relatati, tramite zewg kuntratti*

*datati 16 ta` Novembru 2007 (annessi u mmarkati bhala Dok A u B) ;*

*2. Illi s-socjeta` GO p.l.c. issuccediet fid-drittijiet u l-obbligi kollha tas-socjeta` Maltacom p.l.c., stante li din filwaqt li bidlet isimha ghal GO p.l.c., fl-istess waqt zammet l-istess personalita` guridika taghha stante li n-numru ta` registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa` l-istess, cioe` C-22334, u dan kif jirrizulta mill-anness dokumenti mmarkati bhala Dok C ;*

*3. Illi s-socjeta` attrici pprestat is-servizzi kontrattati lis-socjeta` konvenuta, skond il-fuq imsemmija ftehim ;*

*4. Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta` ghoxrin elf disa` mija u tlett Euro (€ 20,903), eskluz l-interessi relattivi skond l-istess kuntratt, u dan skond id-dokument hawn anness u markat bhala Dok D ;*

*5. Illi s-socjeta` konvenuta nterpellata biex thallas, baqghet inadempjenti ;*

*6. Illi l-Avukat Keith Grech huwa mpjegat tas-socjeta` GO p.l.c. u jaf b`dawn il-fatti personalment wara li vverifika ma` l-informazzjoni fil-pussess tas-socjeta` attrici ;*

*7. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` GO p.l.c. titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provedimenti opportuni -*

*Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigh a tenur ta` l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` ghoxrin elf disa` mija u tlett Euro (€ 20,903), rapprezentanti ammont dovut ghas-servizzi moghtija mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta skond id-dokumenti annessi ;*

*Bl-ispejjez, tal-prezenti, u bl-imghaxijiet, kontra s-socjeta` konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Illi, kif jirrizulta mill-atti akkwiziti, ghalkemm il-kumpannija konvenuta kienet debitament notifikata skond il-ligi bir-rikors mahluf u bl-avviz tas-smigh, il-kawza ma setghetx tkompli titqies bil-procedura sommarja specjali in vista tal-Art.169 tal-Kap.12.

Illi ghalkemm debitament notifikata kif fuq inghad, il-kumpannija konvenuta ma pprezentatx risposta mahlufa skond il-ligi u giet fi stat ta`  kontumacja.

Semghet ix-xhieda ta` Simone Ellul fl-udjenza tas-16 ta` Settembru 2011.

Ezaminat bir-reqqa l-provi tal-kumpannija attrici.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors
jirriżultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` ghoxrin elf disa` mija u tlett Ewro (€ 20,903) ghas-servizzi lilha resi mill-kumpannija attrici kif minnha fuq premess, bl-imghax legali jiddekorri mis-16 ta` Novembru 2010 sal-jum tal-hlas effettiv.**

**Tikkundanna wkoll lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------